PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/0135(CNS)

13.2.2008

EMENDI
28 - 33

Abbozz ta' rapport
Evelyne Gebhardt
(PE400.282v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali

Proposta għal regolament – att li jemenda
(COM(2006)0399 – C6-0305/2006 – 2006/0135(CNS))

AM_Com_LegReport

Emenda 28
Panayiotis Demetriou

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 2 – punt 11 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 2, għandu jiddaħħal il-punt li ġej:
	"11a. il-fraži 'residenza abitwali' għandha tfisser id-domiċilju ordinarju ta' persuna."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata definizzjoni tal-fraži 'residenza abitwali' sabiex kemm jitsa' jkun jiġu evitati interpretazzjonijiet arbitrarji. Naturalment, il-qorti trid teżamina l-fatti rilevanti kollha qabel ma tapplika d-definizzjoni.

Emenda 29
Panayiotis Demetriou

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 3a – paragrafu 1 – punt c a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) iż-żwieġ tagħhom ikun sar f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa raġonevoli li l-għażla, mill-persuni involuti, ta' pajjiż fejn jiċċelebraw iż-żwieġ

tagħhom titqies li timplika li jaċċettaw il-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż ukoll.

Emenda 30
Panayiotis Demetriou

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 20a – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-liġi ta' l-Istat li fih sar iż-żwieġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa raġonevoli li l-għażla, mill-persuni involuti, ta' pajjiż fejn jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom titqies li timplika li jaċċettaw il-liġi ta' dak il-pajjiż ukoll.

Emenda 31
Antonio Masip Hidalgo

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 20a – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk il-liġi indikata skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma tirrikonoxxix is-separazzjoni jew id-divorzju jew jekk tirrikonoxxihom b'mod li huwa diskriminatorju fir-rigward ta' waħda mill-persuni li qed jiżżewġu, għandha tapplika l-lex fori.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li jittratta l-problemi li jiffaċċjaw ċerti nisa minn pajjiżi terzi li jixtiequ separazzjoni jew divorzju fi Stat Membru. L-interess ta' l-individwu li jottjeni separazzjoni jew divorzju bħala espressjoni ta' l-awtonomija personali għandu jkollu prijorità fuq l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-applikazzjoni ta' dik il-liġi nazzjonali spiss tkun ostaklu għal ċerti persuni residenti fi Stat Membru li jridu separazzjoni jew divorzju.

Emenda 32
Rareş-Lucian Niculescu

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 20a a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20aa
	Konferma ta' l-eżistenza ta' kunsens mill-persuni involuti
	(1) Il-qorti li baqgħetx issegwi l-kawża għandha tikkonferma, qabel xejn, l-eżistenza ta' kunsens mill-persuni involuti fir-rigward tas-sentenza għal dak il-każ, skond l-għażliet stipulati fil-ftehima li tattribwixxi l-kompetenza, i.e. il-ftehima biex tingħażel il-liġi applikabbli, u għandha tiżgura li l-persuni involuti jkunu jifhmu għalkollox il-konsegwenzi legali ta' l-għażliet li saru.
	(2) Jekk il-persuni involuti jikkonfermaw il-kunsens tagħhom, il-qorti tista' tisma' l-kawża.
	(3) Jekk il-persuni involuti ma jikkonfermawx il-kunsens tagħhom għall-ftehima inizjali iżda, minflok, jilħqu ftehima ġdida, il-qorti għandha tqis l-eżistenza ta' dik il-ftehima.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-kunsens irid ikun komplet u jrid ikun espress b'għarfien sħiħ taċ-ċirkustanzi. L-għan ta' din l-emenda huwa li jiddaħħlu miżuri ta' salvagwardja sabiex ikun evitat li ssir ħsara lill-interessi ta' persuna waħda u biex ikun iggarantit ir-rispett għad-dritt tal-persuni involuti li jkollhom biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jiddeċiedu u jaġixxu minn rajhom.

Emenda 33
Antonio Masip Hidalgo

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 2201/2003
Artikolu 20b – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk il-liġi indikata skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma tirrikonoxxix is-separazzjoni jew id-divorzju jew jekk tirrikonoxxihom b'mod li huwa diskriminatorju fir-rigward ta' waħda mill-persuni li qed jiżżewġu, għandha tapplika l-lex fori.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jekk il-liġi indikata skond l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma tirrikonoxxix is-separazzjoni jew id-divorzju jew jekk tirrikonoxxihom b'mod li huwa diskriminatorju fir-rigward ta' waħda mill-persuni li qed jiżżewġu, għandha tapplika l-lex fori.